

Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0216(COD)

14188/21
ADD 3

CODEC 1511
AGRI 569
AGRIFIN 141
AGRISTR 78
AGRILEG 248
AGRIORG 133
EMPL 521
SOC 695
CADREFIN 453

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat Speċjali dwar l-Agricoltura/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jstabilixxi regoli dwar l-appoġġ għal pjanijiet strateġiċi li jridu jiffasslu mill-Istati Membri fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jfassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = Dikjarazzjonijiet

**Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija
b'rabta mal-esklużjoni tal-patata tal-mejda mill-ambitu tal-appoġġ akkoppjat**

Aħna naqsmu l-ħtieġa li nilħqu ftehim u niffinalizzaw ir-riforma tal-PAK, bil-għan li jiġu ggarantiti ċ-ċertezza u l-prevedibbiltà għall-bdiewa kollha fl-UE. Aħna nemmnu bis-sħiħ li l-kompromess, li ser ningħaqdu għalih, għandu jkun ġust u jipprovdi trattament ugwali lis-setturi differenti u ma għandux jagħmel ħsara lil xi kategorija ta' prodotti.

Is-settur tat-tkabbir tal-patata huwa ta' importanza sinifikanti speċjalment f'reġjuni u żoni b'restrizzjonijiet naturali bħar-reġjuni muntanjużi. Is-settur jipprovdi għajxien u jgħin lin-nies jibqgħu f'żoni bħal dawn ta' spiss rurali.

Iż-żamma tal-istrumenti kollha disponibbli bħalissa ta' appoġġ għall-produtturi tal-patata hija ta' importanza kruċjali għalina u hija wkoll konformi mal-għanijiet tar-riforma, li lkoll qed nimmiraw għalihom. Hija tipprovdha appoġġ tant meħtieġ lill-produtturi żgħar u ta' daqs medju, tgħin fil-prevenzjoni tad-depopolazzjoni fl-ANC u tgħin ukoll biex tippreserva n-natura minn sekwenzi negattivi għall-ambjent u l-pajsaġġ. Għandha wkoll impatt soċjali ferm importanti għal għadd kbir ta' bdiewa żgħar f'żoni remoti.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika tal-Bulgarija dwar il-verżjoni bl-Ingliż tar-Regolament

Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tgħid li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika ("il-Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati man-nozzjoni tal-ġeneru li mhumiex kompattibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Barra minn hekk, fl-2021, il-Qorti Kostituzzjonali ċċarat ukoll li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni seta' jitqies biss fis-sens tad-determinazzjoni bijoloġika tiegħu.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija ma topponix l-adozzjoni tal-abbozz ta' Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK b'kont meħud tal-importanza kbira tal-kwistjoni, iżda f'konformità mad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq tal-Qorti Kostituzzjonali, **tiddikjara li l-awtoritajiet Bulgari jistgħu jiġbru biss data diżaggregata skont is-sessi (irġiel/nisa).**

Dikjarazzjoni konġunta mill-Bulgarija, l-Estonja, il-Greċja, il-Latvja, Malta, ir-Repubblika Ċeka, ir-Rumanija u l-Ungerija dwar ir-rabta bejn l-appoġġ akkoppjat għall-introjt u d-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

Skont ir-regolament, l-istrateġija tal-interventi għandha turi l-konsistenza tal-istrateġija u l-komplementarjetà tal-interventi fl-oġġettivi speċifiċi kollha msemmija fl-Artikolu 6(1). Bħala parti minn dak l-eżerċizzju, l-Istati Membri ser ikollhom jagħtu ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura ambjentali u klimatika tal-Pjan Strateġiku tal-PAK. Din il-ħarsa ġenerali toħloq rabta bejn l-

interventi taħt l-appoġġ akkoppjat għall-introjtu u d-Direttiva 2000/60/KE li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma). L-Istati Membri ser ikollhom jispjegaw kif dawn il-miżuri huma konsistenti mal-kontenut u l-objettivi ta' dik id-direttiva.

L-Istati Membri msemija hawn fuq jiddikjaraw li din il-kwistjoni ġiet inkorporata fit-test legali fl-aħħar stadju nett tan-negozjati, u għalhekk ma kienx possibbli li jsir skambju ta' fehmiet la fil-livell tekniku u lanqas f'dak politiku. Il-Kummissjoni Ewropea wkoll ma kinitx f'pożizzjoni li tipprovi dettalji dwar l-implimentazzjoni Prattika.

Għalhekk, l-Istati Membri msemija hawn fuq jemmnu li meta tivvaluta l-ispjegazzjonijiet tal-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea għandha:

- iżomm f'moħħha l-objettiv oriġinali tal-għoti ta' appoġġ akkoppjat għall-introjtu li jindirizza d-diffikultajiet li għaddejjin minnhom setturi sensitivi;
- tirrikonoxxu u tqis li jeżistu differenzi sinifikanti bejn is-setturi differenti - eliġibbli għal appoġġ akkoppjat għall-introjtu - fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq ir-riżorsi tal-ilma;
- tittratta din il-kwistjoni b'tali mod li ma żżidx il-piż amministrattiv fl-ippjanar strateġiku, fl-implimentazzjoni jew fil-fażi ta' kontroll;
- toħroġ dokument ta' gwida biex iservi bħala bażi għall-finalizzazzjoni tal-istrateġija ta' intervent;

Dikjarazzjoni mill-Polonja dwar l-ugwalizzazzjoni tal-pagamenti diretti bejn l-Istati Membri

Il-Polonja tappoġġa l-adozzjoni ta' atti legali relatati mar-riforma tal-Politika Agrikola Komuni. Madankollu, tinnotta b'diżappunt li s-soluzzjoni dwar il-konverġenza tal-pagamenti diretti bejn il-pajjiżi, maqbula taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027 u inkorporata fid-dispożizzjonijiet tar-riforma tal-PAK, tfisser li fl-2027 ser ikun għad hemm differenzi sinifikanti fil-livell ta' pagamenti diretti bejn l-Istati Membri. Il-Polonja tqis li dan ser jaffettwa l-possibbiltà li jiġu involuti bdiewa minn pajjiżi differenti fil-kisba tal-objettivi tal-PAK riformata. Il-Polonja tqis ukoll li din il-kwistjoni ta' differenzjazzjoni fil-pagamenti diretti għandha tiġi solvuta fl-aħħar mill-aħħar fl-arranġamenti għall-futur, il-qafas finanzjarju pluriennali ta' wara l-2027 permezz ta' ugwalizzazzjoni sħiħa tal-livell tal-pagamenti diretti għal kull ettaru.

Dikjarazzjoni mir-Repubblika Ċeka appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka, Spanja u l-Ungerija dwar is-simplifikazzjoni tal-politika agrikola komuni l-ġdida tal-Unjoni Ewropea

Ir-Repubblika Ċeka appoġġata mill-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka, Spanja u l-Ungerija b'dan jenfasizzaw l-importanza tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-burokrazija fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni l-ġdida u l-implimentazzjoni tagħha.

Fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-proposti leġiżlattivi tal-PAK il-ġdida, il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat li l-politika l-ġdida ser tiġi ssimplifikata. Sar sforz ta' simplifikazzjoni kbir fil-proċess leġiżlattiv tal-adozzjoni tat-tliet regolamenti bażiċi tal-PAK iżda l-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE u l-leġiżlazzjonijiet nazzjonali għad iridu jinħolqu.

F'dan il-kuntest, jekk is-simplifikazzjoni sostanzjali ma tkunx possibbli, huwa importanti li jkun żgurat li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn.

Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka, il-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Finlandja, il-Greċja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Repubblika Slovakka, Spanja u l-Ungerija jappellaw lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżgura li r-rekwiżiti fil-leġiżlazzjoni sekondarja jkunu konformi mal-atti bażiċi, u febda ċirkostanza ma jmorru lil hinn mill-ftehim politiku u l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni. Dawn l-Istati Membri jitolbu lill-Kummissjoni żżomm il-livell ta' dettall tal-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati għall-minimu assolut u tħalli d-dettalji tal-implimentazzjoni għall-Istati Membri sabiex ikunu jistgħu jadattaw il-PAK għall-kondizzjonijiet speċifiċi tagħhom f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Dikjarazzjoni mil-Latvja għall-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020

Il-Latvja tappoġġa l-fatt li wara diskussjonijiet estensivi l-pakkett ta' riforma tal-PAK ta' wara l-2020 jidħol fis-seħħ f'Jannar 2022. Dan ser jipprevedi li l-Istati Membri jkunu jistgħu jintroduċu miżuri ġodda tal-PAK u li l-bdiewa jkunu jistgħu jintroduċu rekwiżiti agrikoli, klimatiċi u ambjentali ġodda u rekwiżiti oħra mingħajr dewmien ulterjuri.

Madankollu, infakkru li fl-aħħar stadju nett tan-negozjati ġew inklużi elementi u kondizzjonijiet ġodda fl-atti legali jew inbidlu b'mod sinifikanti mingħajr ma ġiet diskussa bir-reqqa l-implimentazzjoni prattika tagħhom, jiġifieri:

- **Kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba (KAAT):**

KAAT 1: id-distakk legali għandu jiġi solvut u jeħtieġ li tkun prevista l-għażla ta' regoli tranżizzjonali dwar l-aġġustament tas-sena ta' referenza sabiex tiġi evitata l-penalizzazzjoni inġusta tal-bdiewa fl-2023 għall-konverżjoni ta' bwar permanenti fraba' sa mill-2018, fiż-żmien meta l-konverżjoni ma kinitx meqjusa bħala ksur tar-regoli.

KAAT 7: id-diversifikazzjoni tal-għelejjel għandha tkun l-alternattiva għan-newba tal-għelejjel fil-livell nazzjonali. Inkella parti mill-azjendi tal-produzzjoni tkun strettament limitata fl-għażliet ta' produzzjoni.

- **ir-rekwiżit li niddevjaw 10 % tal-pakkett tal-pagamenti diretti għall-pagament ridistributtiv** inaqas b'mod konsiderevoli l-appoġġ għall-introjtu li nistgħu nattribwixxu għall-kompetittività tal-bdiewa tagħna permezz ta' pagamenti diretti. Sadanittant, strumenti oħra, b'mod partikolari fit-tieni pilastru, huma mmirati wkoll biex jappoġġaw lill-bdiewa żgħar u medji.
- għandu jiġi rikonoxxut li bl-impożizzjoni ta' limiti ta' finanzjament tal-UE, **ir-riforma tar-regolament tal-PAK tiflew l-opportunità li bdiewa iżgħar jiġu motivati biex jorganizzaw ruħhom f'organizzazzjonijiet tal-produtturi** u jiksbu saħħa akbar fis-suq.

Sforzi u riżorsi finanzjarji tal-PAK sinifikanti (25 % tal-Pagamenti Diretti u 35 % tal-Iżvilupp Rurali) ser jiġu ddedikati biex jintlaħqu r-rekwiżiti klimatiċi u ambjentali. Aħna nemmnu li l-piż fuq il-bdiewa u l-produtturi tal-ikel impost **mill-ambizzjonijiet li żdiedu dan l-aħħar tal-PAK ma jikkorrispondix mal-mezzi finanzjarji disponibbli għall-implimentazzjoni tal-PAK**. Dan ser jaffettwa b'mod partikolari lill-Istati Membri b'finanzjament baxx tal-PAK u allokkazzjonijiet finanzjarji mnaqqa (żvilupp rurali, skema tal-iskejjel) u ser jipperikola l-kisba tal-oġġettiv ewlieni tal-PAK, li huwa l-biedja u l-produzzjoni tal-ikel.

Għandu jiġi rikonoxxut ukoll li l-għan tar-riforma tal-PAK, is-simplifikazzjoni, sfortunatament ma ntlaħaqx u l-Mudell ta' Implimentazzjoni l-Ġdid iżid saħansitra aktar piż amministrattiv għall-amministrazzjonijiet u għamel l-approċċ il-ġdid aktar kumpless.

Madankollu, biex nimxu 'l quddiem bir-riforma tal-PAK u **fi spirtu ta' kompromess il-Latvja tivvota IVA għall-proposti leġiżlattivi tar-riforma tal-PAK**.

Dikjarazzjoni mill-Ungerija

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għas-"sess" u t-terminu "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għal "ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel" fl-abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għal pjanijiet strateġiċi li jridu jtfasslu mill-Istati Membri fl-ambitu tal-Politika Agrikola Komuni (il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013.

Dikjarazzjoni mill-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja dwar il-konverġenza esterna

L-Istati Membri Baltiċi jappoġġaw il-kompromess li ntlaħaq fir-rigward tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Strateġiċi - is-sintra tar-riforma l-ġdida tal-PAK, li għandha l-għan li ssir tranżizzjoni lejn produzzjoni sostenibbli ta' ikel sikur u tajjeb għas-saħħa għas-soċjetà b'rispett dovut għall-ambjent u l-klima. Fl-istess ħin, huma jinnotaw li l-isfidi u l-kompiti għall-bdiewa biex jimplimentaw il-PAK il-ġdida jikkonverġu fl-UE u huma komparabbli għal kulħadd, inkluż il-pajjiżi Baltiċi. B'dispijaċir, għandu jiġi nnotat bis-sħiħ ukoll li fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-riforma attwali tal-PAK il-proċess ta' konverġenza esterna tal-pagamenti diretti ma tlestiex, u għadu jikkostitwixxi l-livell ta' pagamenti diretti fir-reġjun tagħna fl-aktar livell baxx fl-UE.

Għalhekk, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jappellaw biex finalment tissolva l-kwistjoni dejjiema ta' konverġenza esterna sħiħa tal-pagamenti diretti fin-negozjati għall-QFP li jmiss biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti għall-bdiewa kollha madwar l-UE.